# Il-Malti f'Malta u fl-amministrazzjoni pubblika

THOMAS PACE

F'diskursata dwar il-lingwa spiss jingħad kemm għandna għax inkunu kburin bil-Malti: "Hawn pajjiżi ferm ikbar minn tagħna li jużaw il-lingwa ta' ħaddieħor, u aħna – daqsxejn ta' gżira – ixxurtjati li għandna l-ilsien tagħna." Tisma' li għandna nagħmlu "minn kollox" biex il-lingwa "nibżgħu għaliha" u "ma nitilfuhiex" għax tagħtina identità. Imma meta tipprova toħdilhom minn rashom x'jifhmu b'"minn kollox" ħafna qajla jsemmulek, ngħidu aħna, li jistgħu jibdew huma stess mid-dar billi jkellmu lil uliedhom u lin-neputijiet żgħar bil-Malti. Il-lingwa b'hekk "nibżgħu għaliha" għax ngħadduha lill-ġenerazzjonijiet li tilgħin f'kull kuntest. Jekk lit-tfal inrawmuhom jesprimu ruħhom aktar jew bl-Ingliż biss, għada pitgħada wħud minnhom ikunu l-uffiċjali pubbliċi li jużaw l-Ingliż biss fuq ix-xogħol għax il-Malti ma jħossuhx naturali. U nibqgħu nisimgħu l-ilmenti (ġusti) li l-Malti qed inwarrbuh.

## Kif naħsbuha fuq il-Malti u l-Ingliż

L-istħarriġ nazzjonali li kkummissjonaw il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u d-Dipartiment tal-Malti fl-Università lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2021) wera, fost l-oħrajn, li

n-nies jippreferu jikkomunikaw bil-Malti f'telefonata mad-dipartimenti tal-gvern u l-kumpaniji. Il-Maltin iridu s-siti elettroniċi, l-ittri, u l-fuljetti mis-settur pubbliku u privat (bħall-banek u l-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni) biż-żewġ lingwi, u ħafna jippreferu aktar jaqraw il-verżjoni Maltija. L-istħarriġ juri wkoll li l-biċċa l-kbira tal-Maltin (53%) iqisu r-reklami bil-Malti effettivi aktar mill-Ingliż, u għal 77% tabella pubblika u formola għandhom ikunu bilingwi għax bl-Ingliż biss ma jilħqux biżżejjed lin-nies.

Dan hu l-iżjed stħarriġ dettaljat s'issa fuq l-użu tal-lingwi uffiċjali u fuq l-attitudnijiet tal-Maltin lejhom. Isiru ħafna kwestjonarji f'livell nazzjonali fuq diversi suġġetti imma, b'xorti ħażina, il-lingwa mhix fl-aġenda tal-kejl ekonomiku. Mingħajr riċerka aġġornata, kif jista' l-istat Malti jkollu idea ta' kif tkun qed tiżviluppa l-istampa lingwistika tal-pajjiż biex jippjana, kif jagħmlu f'pajjiżi oħra? Id-demografija qed tkompli tinbidel u ma tistax tfassal inizjattivi fuq l-impressjonijiet.

## Is-sitwazzjoni uffiċjali tal-lingwi f'Malta

Meta jistaqsuna fuq is-sitwazzjoni lingwistika ta' pajjiżna, aktarx mill-ewwel insemmu li aħna pajjiż bilingwi. Inkunu qed nirreferu għall-Kostituzzjoni (1964) li tiddikjara l-Malti lingwa nazzjonali (l-ilsien ewlieni tal-pajjiż), u l-Malti u l-Ingliż lingwi uffiċjali (l-ilsna tal-amministrazzjoni). Fl-2016, bil-Kapitlu 556 tal-Liġijiet ta' Malta, żdiedet it-tielet lingwa uffiċjali: il-Lingwa tas-Sinjali Maltija.

Xi jfisser dan? Ifisser li l-Istat Malti jirrikonoxxi iswed fuq l-abjad dawn il-lingwi fl-użu tal-ħajja pubblika, u fil-proċeduri ġuridiċi u parlamentari. Barra minn hekk, fl-*Att dwar l-Ilsien Malti* (Kap. 470, Art. 3 (1) (a-g)), l-Istat jistqarr li l-Malti hu lsien ħaj u "element ewlieni tal-

identità nazzjonali" għax jagħraf fih "espressjoni qawwija tan-nazzjonalità tal-Maltin", u jimpenja ruħu li "jagħtih l-għarfien xieraq u meħtieġ kollu" u li "jippromwovi b'kull mezz possibbli l-akbar użu tal-Ilsien Malti fl-edukazzjoni, fix-xandir u fl-istampa, fil-qrati, u fil-ħajja politika, amministrattiva, ekonomika, soċjali u kulturali." Jintrabat ukoll li jkun l-ixprun biex il-Malti jkollu tabilħaqq id-"dinjità li tixraqlu", jingħata dejjem "importanza prijoritarja" fl-iskejjel, u l-opportunitajiet kollha biex jibqa' jiżviluppa u "jservi bħala mezz ta' rabta bejn il-Maltin" madwar id-dinja.

Il-Malti sar ilsien uffiċjali mal-Ingliż u t-Taljan fl-1934 imma l-Ingliż kien ilu kouffiċjali mat-Taljan mill-inqas sa mill-Kostituzzjoni tal-1849. Mela filwaqt li fl-2024 niċċelebraw id-disgħin anniversarju tal-Malti bħala lsien uffiċjali, l-Ingliż ilu lingwa uffiċjali f'Malta aktar minn 170 sena. Din tgħallem ħafna u trid tqisha fl-istudju tal-qagħda lingwistika ta' pajjiżna u d-drawwiet fil-proċeduri amministrattivi.

Minbarra l-kostituzzjoni u l-liġi tal-Malti, l-amministrazzjoni pubblika għandha xi direttivi li jirregolawha fil-qadi ta' dmirijietha.[1] Id-Direttiva 4.2 (2022, Art. 3.1.6) torbot lill-ministeri, id-dipartimenti, l-aġenziji, l-entitajiet li jaqgħu taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u lill-entitajiet tas-settur pubbliku biex iwieġbu liċ-ċittadini bl-istess lingwa uffiċjali li jiktbulhom. Għalkemm din il-klawżola tirrifletti dak li tistipula l-Kostituzzjoni f'Art. 5 (2), mill-kuntatti li jkollna fil-Kunsill tal-Malti mal-uffiċjali tal-gvern, ninnotaw li ħafna ma jagħmlux hekk u jibdew u jkomplu l-komunikazzjoni bl-Ingliż anke meta tiktbilhom bil-Malti. Id-direttiva ma tgħid xejn fuq meta l-uffiċjali pubbliċi jibdew il-komunikazzjoni huma mal-pubbliku. Kif inhi d-drawwa,

1 Ara: https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/Directives.aspx (moqri l-aħħar fit-8/9/23).

l-amministrazzjoni tuża *kwalunkwe* waħda mil-lingwi uffiċjali meta tibda l-korrispondenza elettronika jew stampata, meta tippubblika fuljett, u fid-dehra korporattiva jiġifieri meta tfassal xi tabella inkella meta tiddisinja backdrop għal konferenza stampa, jew tniedi kampanja pubblika. M'hemm xejn bil-miktub x'jorbot l-użu taż-żewġ lingwi b'mod konsistenti.

L-istess direttiva, f'Art. 3.2.8 titlob lill-impjegati tas-settur pubbliku biex it-tweġibiet awtomatiċi ta' meta ma jkunux l-uffiċċju jagħmluhom bilingwi. Mill-esperjenza ninnota li dan ħafna ma jagħmluhx.

Fid-Direttiva 6 (2011, punt 4.4.4) insibu li d-dokumenti għall-konsultazzjoni pubblika għandhom "idealment" jinħarġu bilingwi u li jekk ma jkunx possibbli minħabba terminoloġija teknika ħafna tinħareġ taqsira bil-punti ewlenin bil-Malti. Dan ukoll mhuwiex jiġi segwit għaliex diversi dokumenti għall-konsultazzjoni, anke jekk ma jkunx fihom terminoloġija teknika ħafna, jinħarġu bl-Ingliż. Il-Ministeru tal-Finanzi, pereżempju, kull sena jippubblika d-Dokument għall-Konsultazzjoni ta' Qabel il-Budget bl-Ingliż biss.

Obbligu proċedurali ieħor insibuh fil-*Manwal tar-Relazzjonijiet Industrijali*.[2] F'taqsima 1.6 naqraw li s-sejħiet għall-impjiegi għandhom jinħarġu bil-Malti u bl-Ingliż dment li ma jkunx aktar prattiku li xi sejħa interna tinħareġ bil-Malti, jew bl-Ingliż biss meta din tkun se tiġi ppubblikata barra l-pajjiż. F'taqsima 2.9 tal-istess Manwal, jintqal li m'għandux ikun hemm diskrepanza bejn il-verżjoni Maltija u Ingliża, u li jekk ikun hemm kunflitt bejn il-Malti u l-Ingliż, il-verżjoni Maltija tipprevali. Jekk il-bord tal-għażla jidhirlu li jkun hemm żball fit-test Malti tas-sejħa, mitlub jikkonsulta lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Din il-proċedura tidher li tiġi

2 Ara: https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/PeopleResourcingandCompliance/Manuals.aspx (moqri l-aħħar fit-8/9/23).

segwita. Madankollu l-verżjoni awtomatika (default) tas-sit uffiċjali tal-impjiegi pubbliċi hija bl-Ingliż,[3] u l-avviżi bl-opportunitajiet tax-xogħol jintbagħtu regolarment lill-uffiċjali pubbliċi kollha bl-Ingliż biss.

Tajjeb insemmu wkoll il-*Kodiċi tal-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku* (Public Service Management Code – PSMC) li jirregola l-imġiba tal-uffiċjali pubbliċi. F'taqsima 5.1 'Equal Access to Information', isemmi li ċ-ċirkularijiet uffiċjali kollha, inklużi dawk ċentrali u interni, l-ordnijiet uffiċjali, il-memoranda, u kull struzzjoni oħra maħruġa mis-Segretarju Permanenti Ewlieni, mis-Segretarji Permanenti u mill-Kapijiet tad-dipartimenti u tal-entitajiet tas-settur pubbliku, għandhom jinħarġu "bl-Ingliż u bil-Malti" u b'terminoloġija newtrali għall-ġeneru. Fid-dawl ta' ħafna korrispondenza interna bl-Ingliż biss u n-nuqqas ta' strument ta' sorveljanza, ikun interessanti jekk nistħarrġu kemm dan qed isir.

Fejn jidħlu s-siti elettroniċi tal-gvern, il-*Website Policy* (v 2.0, 2019) tal-MITA, f'punt 6 tirrakkomanda – imma ma tobbligax – li s-siti l-ġodda kollha tal-gvern ikunu bil-Malti u bl-Ingliż.[4] Fl-aħħar xhur kien hemm titjib f'dan l-aspett għax is-siti tal-ministeri nbidlu kollha u ngħataw tifsila bilingwi. Imma ladarba m'hemmx direttiva uffiċjali li torbot l-użu tal-bilingwiżmu fis-siti, fil-paġni uffiċjali tal-Facebook, u fil-korrispondenza mal-pubbliku, dawn il-mezzi ta' komunikazzjoni mhumiex standardizzati jew implimentati b'mod konsistenti mill-ministeri kollha. Issib ukoll siti li jkollhom il-verżjoni Ingliża aktar aġġornata.

Ħlief għal xi siti ewlenin bħal tal-Gvern (gov.mt), tas-Servizz Pubbliku, tal-Prim Ministru, u ta' servizz.gov, il-verżjoni awtomatika tal-maġġoranza tas-siti hi bl-Ingliż. Dan jiġri anke jekk f'każ ta' verżjoni bilingwi, bħas-sit tal-

3 Ara: https://recruitment.gov.mt

4 Ara: https://mita.gov.mt/wp-content/uploads/2020/07/GMICT_P_0051_Website.pdf (moqri l-aħħar fit-8/9/23).

Uffiċċju tal-Ombudsman, il-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika, u l-Parlament. Għadd ta' kunsilli lokali u l-kunsilli reġjonali jagħżlu li jikkomunikaw mar-residenti tagħhom mis-siti uffiċjali u mill-mezzi soċjali b'artikli u posts bl-Ingliż biss. Il-paġna tal-intranet tal-Gvern għall-uffiċjali pubbliċi hi, fil-parti l-kbira tagħha, bl-Ingliż, u l-pjattaforma diġitali tal-kuntratti pubbliċi hi kollha kemm hi bl-Ingliż.[5]

Mela qed naraw diskrepanza bejn dak li hemm fuq il-karta u dak li jiġri fil-prattika. Imqar id-dokumenti proċedurali stess li rreferejna għalihom f'din it-taqsima, issibhom u jibqgħu jiġu emendati bl-Ingliż biss.

## Kif mill-kliem ngħaddu għall-fatti

Nisimgħu kemm nisimgħu kliem sabiħ fuq il-Malti minn politiċi u uffiċjali pubbliċi li jieħdu d-deċiżjonijiet, bl-azzjonijiet tagħhom ħafna minnhom juru nuqqas ta' kuxjenza fl-użu tal-lingwi uffiċjali. Mhumiex imdorrijin jaħdmu biż-żewġ lingwi flimkien għax sajmin minn taħriġ fl-użu tal-lingwa u f'aspetti bħat-trawwim ta' kultura bilingwi u s-sengħa tal-kitba.

Internament imdorrijin jużaw l-aktar l-Ingliż. Il-periklu ta' din id-drawwa hu meta din il-prattika fil-korrispondenza interna jestenduha għall-korrispondenza esterna maċ-ċittadini jew fil-materjal pubbliku li jfasslu. La jkunu qed jaħdmu għas-soċjetà inġenerali, għandhom ir-responsabbiltà li bħala uffiċjali pubbliċi joffru s-servizzi tagħhom biż-żewġ lingwi. Anke f'intervista fi programm radjufoniku jew televiżiv, meta jkollhom bżonn jikkwotaw liġi, ħafna drabi jduru għall-verżjoni bl-Ingliż minkejja li, fl-aħħar mill-aħħar, hi l-verżjoni Maltija li torbot fil-

5 Ara: www.etenders.gov.mt

biċċa l-kbira tal-każi. Meta jsiru sensittivi għall-użu xieraq taż-żewġ lingwi flimkien, ħafna ssibilhom rieda tajba. Imma trid tibqa' tiżdied il-kuxjenza ħalli l-użu tal-bilingwiżmu jsir naturali u l-iskużi jonqsu. Dawn huma wħud minnhom:

***"Tifhimnix ħażin, il-Malti nħobbu, imma t-termini bil-Malti strambi"***

Il-biċċa l-kbira tagħna nkunu tlaqna l-Malti fis-sekondarja jew fil-postsekondarja, u komplejna l-istudji bl-Ingliż. Għalhekk m'aħniex esposti għal kitbiet u termini bil-Malti tal-oqsma li nkunu speċjalizzajna fihom. Mela mhix sorpriża li nħossu t-termini bil-Malti strambi. Jgħidulek: "Imma din mhix bil-Malti!" jew "Vera? Nistgħu nużawha din il-kelma?" Fl-Unjoni Ewropea jsir ħafna xogħol ta' standardizzazzjoni ta' terminoloġija teknika. Lesti ngħaqqdu l-isforzi ħalli niżviluppaw il-Malti f'aktar oqsma moderni jew se nibqgħu nsibu l-iskuża li l-Malti ma jinftihemx?

Fl-istess ħin, wieħed mill-*Għaxar Fatturi Determinanti tas-Servizz tal-Kwalità* fis-Servizz Pubbliku hu tal-komunikazzjoni ħielsa mil-lingwaġġ tekniku li l-pubbliku ma jifhmux.[6] Mod tikteb avviż legali u mod toħroġ stqarrija għax-xandir, ittella' post fil-Facebook jew tfassal tabella pubblika li bihom trid twassal l-istess messaġġ legali lin-nies. L-uffiċjali pubbliċi mhumiex konxji biżżejjed mill-importanza tal-lingwa ċara għax spiss ma jadattawx il-kitbiet tagħhom għal udjenzi differenti (Pace, 2022, pp. 247-249).

6 Ara: https://publicservice.gov.mt/en/people/Pages/QualityandStandardsDirectorate/10Determinants.aspx (moqri l-aħħar fis-16/9/23).




*Il-pubbliku ma jużax "dritt addizzjonali" u għandu mnejn isibha diffiċli biex jifhimha f'post bħal din fil-Facebook. Dan l-avviż fih nuqqasijiet oħra tat-traskuraġni.*

### *"Nibża' li nieħu żball meta nikteb bil-Malti"*

Għall-Malti għad m'għandniex ir-riżorsi diġitali bażiċi meħtieġa, bħal ċekkjatur u dizzjunarju diġitali aġġornat li jagħmlu lill-uffiċjali pubbliċi aktar kunfidenti jiktbuh. Minħabba f'hekk, diversi jduru għall-Ingliż. Inkella, fejn jidħol il-Malti – u mhux l-Ingliż – kuntenti jinqdew ħażin ħażin u ma jkunux professjonali f'xogħolhom, ġieli wkoll bi traduzzjoni mgħaġġla tal-aħħar ħin.




*Fi ftit ismijiet uffiċjali tal-lokalitajiet ukoll nitfixklu tant li fl-istess tabella nispiċċaw nużaw tliet verżjonijiet għall-istess isem, tnejn minnhom ħżiena (Attard* u *H' Attard* flok *Ħ'Attard).*

Qegħdin ninċentivaw lill-uffiċjali tal-komunikazzjoni biex jattendu korsijiet fil-kitba tal-Malti, bħall-kors universitarju fil-qari tal-provi? Hemm bżonn li ningaġġaw tim ta' uffiċjali kkwalifikati responsabbli mit-traduzzjoni, l-editjar u l-qari tal-provi fit-taqsimiet tal-komunikazzjoni ta' entitajiet ċentrali differenti. L-aġenzija servizz.gov tagħmel dan b'mod konsistenti u toffri s-servizzi tagħha lill-pubbliku biż-żewġ lingwi kif jixraq.

***"Il-Malti jiġi itwal u itqal mill-Ingliż meta nittraduċih"***
Qabelxejn, id-dokumenti għaliex jiġu abbozzati l-ewwel bl-Ingliż? Hekk it-traduzzjoni Maltija tispiċċa marsusa fl-istruttura u s-sintassi Ingliża u ttellfek fil-qari. Jekk ikollok ħakma tal-idjoma Maltija, il-kitba tiġi inqas mekkanizzata u ħafna drabi l-verżjoni bil-Malti tiġi daqs jew iqsar mill-Ingliż. Meta niktbu l-Malti rridu naħsbu bil-Malti, mhux b'lingwa oħra, u jekk nużaw xi magna tat-traduzzjoni nagħmlu dan bil-qies u nduru t-test warajha. Dan l-aħħar, pereżempju, fuq ir-radju smajna reklam tas-saħħa jwissina li "detezzjoni kmieni" tista' ssalvalek ħajtek. Mhux aħjar qaluhielna kif ngħiduha lkoll, li tista' ssalva ħajtek jekk "taqbad il-kanċer kmieni"? Kemm qed noffru opportunitajiet ta' żvilupp professjonali kontinwu fil-lingwa lill-uffiċjali pubbliċi, lil hinn mit-taħriġ fl-oqsma tas-soltu bħall-finanzi, ir-riżorsi umani u l-privatezza tad-data? Inqas ma tuża lingwa, iktar issibha bi tqila biex tħaddimha.

***"Jekk nużaw l-Ingliż biss nilħqu lill-barranin ukoll. Fuq kollox, l-Ingliż ilsien uffiċjali."***
Skont l-aħħar ċensiment nazzjonali (NSO, 2024), 83% tal-popolazzjoni biċ-ċittadinanza Maltija, ta' 'l fuq minn 5 snin, stqarrew li l-ewwel lingwa tagħhom (il-lingwa ewlenija li jitkellmu) hi l-Malti. Meta ma' dawn iżżid ukoll

lil dawk b'ċittadinanza barranija, il-Malti jibqa' l-ilsien predominanti għal 71% tal-popolazzjoni.[7]

Barra minn hekk, mhux il-Maltin kollha jifhmu l-Ingliż u jħossuhom kunfidenti jikkomunikaw bih f'kull sitwazzjoni. Issib diversi li, għalkemm l-Ingliż jifhmuh u kapaċi jinqdew bih, iħossuhom aktar komdi u rashom mistrieħa meta jużaw il-Malti għax b'dak li jgħidu jirriflettu tabilħaqq dak li jkunu jixtiequ jfissru.

Meta toffri ż-żewġ lingwi liċ-ċittadini tkun qed tagħtihom id-dritt li jagħżlu jaqraw u jużaw l-informazzjoni tal-verżjoni li jippreferu. Tkun qed tagħtihom l-opportunità jikkomunikaw bil-lingwa li jixtiequ. Dan hu parti mill-prinċipju bażiku tad-demokrazija. F'Malta, il-Malti u l-Ingliż m'għandhomx ikunu f'kompetizzjoni imma jintużaw flimkien. Li tgħid li l-Ingliż hu wkoll ilsien uffiċjali daqs il-Malti skuża komda biex teħles ħafif. L-uniku pajjiż li fih il-Malti hu lsien uffiċjali hu Malta. Jekk il-gvern Malti ma jużax il-Malti, liema amministrazzjoni pubblika oħra fid-dinja se tużah? Il-Malti meta se jingħata ċ-ċans jintuża fil-pubbliku?

Il-barranin li jgħixu fostna importanti li ninċentivawhom biex jitgħallmu l-Malti (Gauci u Vella, 2022, pp. 189-191; Zammit, 2020), aktar u aktar jekk ikunu qed joffru servizz lill-pubbliku jew japplikaw biex jiksbu ċ-ċittadinanza Maltija. B'hekk ikunu jistgħu jintegraw aħjar fis-soċjetà tagħna. Il-Malti għandu jsir tagħhom u ta' wliedhom daqskemm hu tagħna. U aħna għandna ngħinuhom billi nikkomunikaw magħhom b'Malti bażiku flok naqilbulhom mill-ewwel għall-Ingliż.

### *"Ħa nżidu l-ispejjeż jekk nagħmlu l-affarijiet bilingwi"*

Ġieli rajt l-istess tabella bl-Ingliż fil-bidu u fit-tarf ta' triq li jkun għaddej xi xogħol fiha? Inkella l-istess sticker fuq

7 Ara: https://nso.gov.mt/themes_publications/census-of-population-and-housing-2021-final-report-health-education-employment-and-other-characteristics (moqri l-aħħar fl-10/2/24).

iż-żewġ naħat ta' vettura jew binja pubblika? Bl-istess spiża, imma bi ftit ħsieb u kreattività fid-disinn, nistgħu nagħmlu l-Malti viżibbli aktar mal-Ingliż ħalli l-pajsaġġ lingwistiku ta' Malta jkun bilingwi bil-fatti (Fabri u Pace, 2023, pp. 4-5).

Fiċ-ċivil daħlet drawwa ħażina li biex entità timmodernizza d-dehra tagħha, taqleb il-logo, is-slogans, il-materjal promozzjonali, u dak kollu marbut mal-branding għall-Ingliż biss. Għandna każi fejn saħansitra prattika bilingwi tajba, użata għal snin twal, saret monolingwi, kif ġara f'għadd ġmielu ta' ċentri tas-saħħa u bereġ u f'għadd ta' ismijiet uffiċjali u logos ta' entitajiet pubbliċi. Dawn huma xi ftit minnhom:

**QABEL**




AWTORITÀ TAD-DJAR • HOUSING AUTHORITY

AWTORITA' DWAR IL-MEDIĊINI

MEPA
L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

**ISSA**




HOUSING AUTHORITY

MALTA MEDICINES AUTHORITY

ERA
Environment & Resources Authority

PLANNING AUTHORITY

Entitajiet bħall-Awtorità tal-Ippjanar, u l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi jiffunzjonaw primarjament bl-Ingliż: is-siti, il-formoli, ir-rapporti, id-dokumenti għall-konsultazzjoni, u r-riżorsi diġitali tagħhom joffruhom fil-parti l-kbira tagħhom bl-Ingliż. Il-Ministeru tal-Agrikultura jirreklama ħafna mill-inizjattivi tiegħu, bħall-Malta AgriFair u l-programm edukattiv 'Let's Talk Farming' b'posters, posts, u siti elettroniċi bl-Ingliż biss.

Għandna wkoll għadd ta' ministeri li jużaw isimhom uffiċjalment bl-Ingliż biss fil-logos tagħhom fis-signature tal-emails, il-fuljetti, il-posters, it-tabelli, il-plakek kommemorattivi, u l-backdrops, fost l-oħrajn. Joħolqu dipartimenti fi ħdanhom b'isem bl-Ingliż u jniedu kampanji pubbliċi li l-unika verżjoni tal-messaġġi uffiċjali tagħhom tkun bl-Ingliż. Dawn huma xi eżempji:







MALTA food AGENCY

THE ENERGY & WATER AGENCY

BUILDING & CONSTRUCTION AUTHORITY

SORT IT OUT

WATER BE THE CHANGE

RESPONSIBLE GAMING FOUNDATION

Drawwa ħażina oħra li qabdet hi li l-materjal pubbliku marbut ma' proġetti kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea jsir bl-Ingliż biss – minn sempliċi sticker sa kartellun u lapida tal-ftuħ ta' proġett inawgurat bil-fondi Ewropej. Tgħid biex niġġustifikaw l-infiq tal-fondi mal-uffiċjali barranin tal-UE? Imma l-istati membri l-oħra hekk jagħmlu? Mingħajr ma nafu qed inwasslu messaġġ ħażin lill-UE li hawn Malta ngħaddu bla Malti u li bl-Ingliż biss ninqdew. U x'jiġri mill-Malti jekk fl-UE jibdew jargumentaw li għandhom inaqqsu l-lingwi uffiċjali ħalli jtaffu l-ispejjeż?

Xi eżerċizzji tajbin għandna wkoll. Dan l-aħħar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika mmodernizza d-dehra tiegħu u ħaseb fiż-żewġ lingwi. L-Uffiċċju tal-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji u d-Direttorat għall-Promozzjoni tas-Saħħa, ngħidu aħna, jużaw iż-żewġ lingwi regolarment mal-pubbliku. L-aġenzija Identity Malta, wara 10 snin, għarfet in-nuqqas tagħha u bidlet isimha bil-Malti, Identità. Dawn ukoll ħasbu f'isem uffiċjali bilingwi:

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

SIGURTÀ SOĊJALI

Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi

SOCIAL SECURITY MALTA

Public Works Department

*Dawn l-entitajiet ma ħasbux fil-bilingwiżmu għal isimhom u l-logo biss – għat-tikketta – imma jużaw iż-żewġ lingwi fis-sit jew fil-paġna tal-Facebook, u fil-pubblikazzjonijiet tagħhom.*




*Ir-reklami li ntużaw b'rabta mal-ġbir tal-iskart ħarġu bilingwi u b'disinn pulit li jagħżel lingwa minn oħra ħalli jkun faċli għall-qarrejja li jifhmu dak li jaqraw.*




*Tieħu gost meta tara inizjattivi lokali mill-gvern b'isem Malti u b'logo kreattiv, speċjalment jekk is-sit elettroniku u l-materjal promozzjonali relatati magħhom ikunu bilingwi.*







*Kampanja pubblika bilingwi tajba b'messaġġ ewlieni (slogan) bil-Malti. Issa jmiss li bil-Malti nkunu ftit aktar kreattivi u li l-logo bl-isem uffiċjali tal-entità jkun bil-Malti fil-verżjoni Maltija.*

*"Il-Malti u l-Ingliż ma joqogħdux fl-ispazju li għandna."* Din skuża komuni oħra. Mela kif f'pajjiżi oħra bħall-Iżvizzera, jew fi bliet bħal Barċellona, tara tabelli saħansitra b'erba' lingwi? Jekk "aħna daqsxejn ta' gżira u għandna nkunu kburin bi lsienna", meta se nibdew nirrispettaw lilna nfusna? Dan jiġri meta l-Malti ma nistħux nużawh fil-pubbliku u l-ewwel ċans li jkollna ninkluduh, qabelxejn ma' ilsna oħra, mhux inwarrbuh. Għaliex sal-lum it-tabelli kollha ta' Mater Dei għadhom bl-Ingliż biss? Mhux sabiħ tmur l-ajruport u fit-tabelli tara l-Malti mal-Ingliż? Parti mill-gost u t-tqanqil tal-kurżità fil-barranin hu li noffrulhom esperjenza sħiħa tal-kuntest lokali awtentiku veru tagħna. Il-kitba bilingwi fuq it-tabelli u l-materjal pubbliku tħajjarhom iqabblu l-kliem Malti mal-Ingliż jew ma' tal-lingwa tagħhom u jkompli jitkixxfu iżjed fuq ilsienna.

Lil hinn minn dan, irridu nżidu l-għarfien fuq kif nippreżentaw kitba bilingwi b'mod kreattiv, b'tipa u b'disinn pulit f'tabella, f'poster, jew f'formola pubblika. Xi ittri li nirċievu mill-Isptar Mater Dei jew mil-LESA jkunu bilingwi, u dik ħaġa tajba. Imma dawn mhux talli jkunu miktubin b'tipa li ma jkollhiex l-ittri tal-Malti, talli jkunu diffiċli biex tifhimhom għax iż-żewġ lingwi ma jkunux ippreżentati ċari.

**Ir-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika**

Lingwa li tintuża fit-taħdit u l-kitba tal-istituzzjonijiet tal-gvern jogħlielha l-prestiġju għax l-istrutturi politiċi u amministrattivi jsaħħuha (Martí et al, 2005). Lingwa ssir aktar importanti u meħtieġa aktar ma jkollha funzjonijiet għax tintuża f'oqsma differenti (Ager, 1996: 5). Iżjed ma n-nies ikunu jistgħu jagħmlu dak li jixtiequ biha, iżjed iħossuha tagħhom għax tkun qed

taqdihom (Ammon, 1989, p. 16 u Strubell, 1998, pp. 27-28). Il-Malti hu xhieda ħajja tal-istorja u simbolu tal-identità tagħna imma, fuq kollox, huwa għodda komunikattiva.

L-uffiċjali pubbliċi mhumiex dejjem konxji mir-responsabbiltà li għandhom biex fl-aspett tal-marketing u fil-komunikazzjoni esterna jużaw iż-żewġ lingwi b'mod bilanċjat u konsistenti. L-użu tal-bilingwiżmu, u l-multilingwiżmu, hu servizz fih innifsu. Meta l-amministrazzjoni pubblika toffri s-servizzi lill-pubbliku b'lingwi differenti tgħin liċ-ċittadini ħalli jkollhom aċċess sħiħ għall-informazzjoni u jkunu jistgħu jipparteċipaw fid-deċiżjonijiet politiċi (Mwaniki, 2012, pp. 55-56). Dan hu dmir etiku li jsaħħaħ l-affidabbiltà fl-amministrazzjoni u jimmodernizza s-settur pubbliku għax jagħmlu aktar effiċjenti u effettiv.

Il-Malti jixraqlu aħjar. Għalkemm ilsien ta' popolazzjoni ċkejkna, żgur li ma nistgħux inqisuh ilsien minoritarju. Mhuwiex bħall-Irlandiż, pereżempju, li jafuh 40% tal-popolazzjoni sħiħa u li minnhom jużawh fil-ħajja ta' kuljum madwar 2% biss. Terġa', aktar min-nofs ta' dawk li jafuh mill-iskola (55%) jistqarru li mhumiex kapaċi jitkellmuh sew (Ċensiment Irlandiż, 2022).[8] Il-Malti huwa l-ewwel lingwa tal-maġġoranza tal-popolazzjoni u ma nsibuhx f'kuntest ta' oppressjoni lingwistika (Fabri, 2001, pp. 43-44). F'pajjiżna għandna sitwazzjoni ta' diglossja (Ferguson, 1959): il-Malti jintuża aktar fit-taħdit, filwaqt li l-kitba ssir iżjed bl-Ingliż (Fabri, 2015). Għalhekk jeħtieġ li, minbarra li jintuża fil-komunikazzjoni wiċċ imb wiċċ u telefonika (reception areas u customer care) jinkiteb f'aktar kuntesti formali u jidher iżjed miktub madwarna fil-pubbliku.

8 Ara: www.cso.ie/en/releasesandpublications/ep/p-cpsr/censusofpopulation2022-summaryresults/educationandirishlanguage (moqri l-aħħar fl-10/2/24).

L-amministrazzjoni pubblika – bħala aġent ewlieni tat-tixrid tal-lingwa f'livell nazzjonali wiesa' – għandha tkun minn ta' quddiem biex id f'id mal-Kunsill tal-Malti, l-entità pubblika responsabbli mill-pjanifikazzjoni lingwistika għal-lingwa, tfassal strateġija għat-tħaddim tal-ilsien nazzjonali (u l-bilingwiżmu) fil-pubbliku. Ikun dokument ta' referenza li jmexxi lill-uffiċjali pubbliċi f'xogħolhom biex jaħsbu fiż-żewġ lingwi mill-istadji bikrin tal-proġetti li jkunu se jaħdmu fuqhom. Dan ikun parti mix-xogħol b'risq it-tiġdid tas-servizz pubbliku u bih naċċertaw li l-ħidma tkun inqas sparpaljata, b'inqas skossi, u aktar uniformi u konsistenti bejn id-dipartimenti tal-gvern. Fin-nuqqas ta' dokument uffiċjali li jorbot, mal-bidla ta' leġiżlatura, ta' ministru, jew ma' sempliċi ċaqliqa ta' direttur, ikollok terġa' tibda tinnegozja kollox biex il-Malti jieħu l-post li ħaqqu. B'dan il-mod, l-amministrazzjoni pubblika sservi ta' mudell ukoll għas-settur privat u trawwem f'pajjiżna kuxjenza u kultura bilingwi bil-fatti.

Kif rajna, il-biċċa l-kbira tal-Maltin għandhom attitudni pożittiva lejn l-ilsien nazzjonali (Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, 2021). Imma jekk il-Malti hu tassew għal qalbna u rridulu l-ġid, mhux biżżejjed ngħidu li nħobbuh u li kburin bih. Irridu nsarrfu dawn l-istqarrijiet tagħna b'għemilna billi, qabelxejn, nużawh mat-tfal u fil-postijiet tax-xogħol. M'għandniex nibżgħu niżviluppawh f'oqsma ġodda u lanqas nistħu nitkellmuh u niktbuh fil-pubbliku.

*Thomas Pace huwa d-Direttur tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u koproduttur u kopreżentatur tal-programm tar-radju* Seħer il-Malti.

## Biblijografija


***Pubblikazzjonijiet***

Ager, D. (1996). 'Language policy in Britain and France: The processes of policy'. Londra u New York: Cassell [Open Linguistics Series].

Ammon, U. (1989). 'Status and Function of Languages and Language Varieties'. Berlin u Boston: De Gruyter.

Fabri, R. (2015). 'Managing the Maltese Language: The vision and work of the National Council for the Maltese Language' [PowerPoint]. Seminar *Malta on my Mind*, Wrocław Philological School of Higher Education, Wrocław, il-Polonja.

Fabri, R. (2001). 'Maltese: the Language of the Maltese Archipelago'. Fi Stolz, T. (Ed.), Minor Languages of Europe. Bochum: Brockmeyer, 43-64.

Fabri, R. u Pace, T. (2023). 'Fi Lsien in-Nies - Il-Malti Madwarna'. F'*Minn Tagħna - Ġabra ta' Artikli fuq il-Malti*. Malta: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti (dehret għall-ewwel darba f'*Encore - Arts & Culture Magazine*, Ħarġa 1, 2015).

Ferguson, C. (1959). 'Diglossia'. F'*Word* 15(3), 325-340.

Gauci, P. u Vella, B. (2022). 'The Challenges of Learning Maltese in Bilingual Malta - A Study with Adult Learners Following the 'I Belong' Language Integration Programme'. F'*Malta Review of Educational Research*. Malta: Il-Fakultà tal-Edukazzjoni.

Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti u Dipartiment tal-Malti fl-Università. (2021). 'Il-Qagħda tal-Ilsien Malti - Stħarriġ Nazzjonali 2021' bi sħab mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (NSO). Malta: Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Martí, F., Ortega, P., Idiazabal, I., Barreña, A., Juaristi, P., Junyent, C., Uranga, B., u Amorrortu, E. (2005). Words and Worlds - World Languages Review (Bilingual Education and Bilingualism). Clevedon UK: Multilingual Matters.

Mwaniki, M. (2012). 'Multilingualism and the Public Sector in South Africa'. Bloemfontein: SUN Media.

NSO - Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika. (2024). 'Census of Population and Housing 2021: Final Report: Health, Education, Employment and other characteristics – Vol. 3'. Malta: L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

Pace, T. (2022). 'L-Immaniġġjar tal-Lingwa fl-Amministrazzjoni Pubblika'. Teżi għall-grad ta' MA fil-Malti, L-Università ta' Malta.

Strubell, M. (1998). Can sociolinguistic change be planned? Fi *Proceedings of 1st European Conference, Private Foreign Language Education in Europe: Its Contribution to the Multilingual and Multicultural Aspect of the European Union* (23-31). Thessaloniki: Palso.

Zammit, J. (2020). Il-barranin li jitgħallmu l-Malti. F'*Il-Leħen*, 2 ta' Awwissu 2020, p. 23. Malta: Azzjoni Kattolika.

***Liġijiet ta' Malta***

Kostituzzjoni ta' Malta
Att dwar l-Ilsien Malti (Kap. 470)
Att dwar ir-Rikonoxximent tal-Lingwa Maltija tas-Sinjali (Kap. 556)

*Direttivi, Manwali u Dokumenti ta' Politika tal-Gvern*

Direttiva 4.2 tas-Settur Pubbliku. (2022). 'Standards for Service of Excellence offered by the Public Administration to the Public and to Public Employees'. Malta: Il-Gvern ta' Malta.
Direttiva 6 tas-Settur Pubbliku. (2011). 'Paramaters for Consultation Exercises with Stakeholders'. Malta: Il-Gvern ta' Malta.
Manual on Industrial Relations and the Selection and Appointment Process under Delegated Authority In the Malta Public Service. (2023). Malta: Il-Gvern ta' Malta.
Public Service Management Code. (2023). Malta: Il-Gvern ta' Malta.
Website Policy - GMICT Policy. (2019). Malta: MITA